Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,108, 15 ta' Ġunju, 2001
Taqsima B

A.L. 147 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1995 għall-Kors tad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1995 għall-Kors tad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 għall-Kors tad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science - ippubblikati bħala Avviż Legali 45 ta' l-1995, li minn hawn il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-4 ta' Mejju 2001 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (4) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (3) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali:

"(4) Is-Senat, li jaġixxi fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu f'kull qasam ta' studju offrut fil-Kors. F'dan il-każ, is-Senat għandu jagħmel regolamenti għall-għazla ta' l-applikanti għad-dħul."

Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Tmiem b'Suċċess tal-Programm Bażiku

9. (1) Biex itemm il-Programm Bażiku b'suċċess u jkompli l-Kors, huwa meħtieġ li student joqgħod għall-Eżami Komprensiv tal-Programm Bażiku, u jgħaddi mill-karti kollha, wara li jissodisfa r-rekwiżiti mitluba hawn taħt:

(a) jgħaddi fil-moduli teoretiċi, bi grad medju ta' Ċ: u

(b) jgħaddi fil-moduli prattiċi kollha.

(2) Student li fi tmiem il-Programm Bażiku ma jgħaddix f'aktar minn tnejn mill-moduli (teoretiċi u/jew prattiċi) li jkun għamel ma jitħalliex ikompli l-Kors.

(3) Student li jeħel f'mhux aktar minn żewġ moduli skond is-sotto-paragrafu (a) jew (b) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jew f'mhux aktar minn modulu wieħed minn kull wieħed mis-sotto-paragrafi (a) u (b) ta' hawn fuq, huwa intitolat li jirrepeti dawk il-moduli, u, bl-approvazzjoni tal-Bord, xi taqsimiet studju oħra għall-għan li jtejjeb il-grad globali, darba biss matul sena addizzjonali ta' studju. Student li, wara li jagħmel sena addizzjonali ta' studju, jerġa' ma jgħaddix f'xi wieħed minn dawk il-moduli li jkun irrepeta, u/jew ma jirnexxilux jikseb il-grad medju ta' Ċ kif mitlub fis-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, ma għandux jitħalla jkompli l-Kors ħlief f'ċirkostanzi speċjali u bil-permess tal-Bord.

(4) Student li jgħaddi fil-moduli kollha skond is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament iżda li ma jġibx grad medju ta' Ċ għandu jitħalla jagħmel sena addizzjonali ta' studju sabiex jagħmel dawk it-taqsimiet studju indikati mill-Bord. Jekk iġib il-grad medju ta' Ċ, wara li jkun għamel l-eżamijiet għall-ewwel u għat-tieni darba, huwa jkun intitolat li joqgħod għall-Eżami Komprensiv tal-Programm Bażiku. Jekk ma jirnexxilux iġib il-grad medju ta' Ċ kif imsemmi hawn fuq, huwa ma jitħalliex ikompli l-Kors.

(5) Student li jeħel mill-Eżami Komprensiv tal-Programm Bażiku għandu jkun meħtieġ jerġa' jagħmel l-Eżami fl-ewwel sessjoni ta' l-eżamijiet li jmiss. Jekk ma jgħaddix fis-sessjoni supplimentari, l-istudent jista' jitħalla jagħmel sena addizzjonali ta' studju, taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi, qabel ma jerġa' joqgħod għall-Eżami Komprensiv tal-Programm Bażiku, sakemm dan huwa permess taħt il-provvedimenti tal-paragrafu (1) tar-regolament 6."